C/2026/1254

25.2.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12318 – I SQUARED / RAMUDDEN)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/1254)

1. Fit-18 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— I Squared Capital Advisors (US) LLC ("I Squared", l-Istati Uniti), ikkontrollata minn ISQ Holdings, LLC ("ISQ Holdings", il-Gżejjer Cayman).

— Ramudden Global AB ("Ramudden", l-Iżvezja), ikkontrollata minn Triton Investments Advisers LLP u/jew l-affiljati tagħha ("Triton Group", ir-Renju Unit).

I Squared se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Ramudden kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— I Squared hija maniġer tal-fondi, li tispeċjalizza fl-investiment u l-ġestjoni tal-assi tal-infrastruttura globalment,

— Ramudden hija fornitur internazzjonali ta' servizzi temporanji tal-ġestjoni tat-traffiku għall-infrastruttura kritika, madwar l-Ewropa u l-Amerka ta' Fuq. Ramudden topera fi tliet oqsma: (i) Soluzzjonijiet ta' Infrastruttura Urbana, (ii) Soluzzjonijiet ta' Awtostradi u (iii) Servizzi tat-Traffiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet possibbli tagħhom dwar il-konċentrazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12318 — I SQUARED / RAMUDDEN

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË